# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud.Rel.; Dip. Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-7 t'Ottubru, 2015.**

**Rikors Numru 1133/2011 SM**

**Charichelon Company Limited**
**(C – 14614)**

**vs.**

**Matthew Aquilina**
**(K.I. Numru 150792 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat iz-17 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu r-rapprezentant legali ta' l-istess socjeta` rikorrenti sintetikament espona is-segwenti bil-gurament tieghu:

1.1. Illi l-intimat kien impjegat fuq bazi *full time* mas-socjeta` rikorrenti bhala *"Group Accounts Clerk"*, b'effett mit-18

t'Awwissu, 2010, u dan, ghal perjodu definit ta' hames (5) snin, (ara foll 9);

1.2. Illi permezz t'ittra datata t-18 t'April, 2011, l-intimat ittermina l-impjieg tieghu minn ma' l-imsemmija socjeta` rikorrenti, u dan, b'effett mit-18 ta' Gunju, 2011, (ara foll 20);

1.3. Illi *ai termini* ta' l-artiklu 36(12) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta f'kazijiet bhal dak in dizamina tali impjegat li jirrezenja mill-impjieg tieghu qabel iz-zmien specifikat fil-kuntratt ghandu jhallas is-somma ekwivalenti ghal nofs il-paga kollha li ghaliha hu kien ikollu jedd kieku baqa` fis-servizz ghall-bqija taz-zmien espressament miftiehem;

1.4. Illi l-eccezzjoni indikata fl-artiklu 36(14) ta' l-istess Kap fuq indikat ma tapplikax ghac-cirkostanzi in dizamina *stante* li l-abbandun ta' l-impjieg da parti ta' l-intimat mhux dovut ghal "raguni tajba u bizzejjed" biex dan l-intimat jitlaq mis-servizz;

1.5. Illi l-abbandun ta' l-impjieg mill-intimat kien wiehed liberu u volontarju, (ara foll 20);

1.6. Illi l-intimat abbanduna s-servizz minnu hekk patwit qabel iz-zmien kuntrattwalment specifikat;

1.7. Illi ghalhekk hu l-istess intimat li ghandu jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ekwivalenti ghal nofs il-paga li kellu dritt ghaliha kieku baqa` jahdem ghall-bqija tal-perjodu minnhu espressament patwit;

1.8. Illi l-intimat kellu salarju gross ta' seba` mitt Ewro, (€700.00), eskluzi tipi ohra ta' remunerazzjoni, (ara foll 21);

1.9. Illi *di piu`* l-istess intimat kien ghad fadallu tmienja u tletin (38) xahar biex jittermina l-impjieg hekk minnhu patwit, (ara foll 9);

1.10. Illi in vista ta' l-istess, l-intimat ghandu hekk jaghti l-ammont ta' tlettax -il elf u tlett mitt Ewro, (€13,300.00),

lis-socjeta` rikorrenti, rapprezentanti nofs is-salarju kif fuq spjegat;

1.11. Illi nonostante li interpellat biex ihallas l-ammont minnhu hekk dovut, l-intimat baqa` inadempjenti, (ara foll 61);

1.12. Illi konsegwentement l-ammont dovut mill-intimat lis-socjeta` rikorrenti hu cert, likwidu u dovut, u ghalhekk il-procedura odjerna ghandha titmexxa bid-dispensa tas-smiegh skont il-ligi;

1.13. Illi konsegwentement is-socjeta rikorrenti aderiet din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din m'ghandiex:

1.13.1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* ta' l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.13.2. Tiddikjara lill-intimat Matthew Aquilina bhala debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' tlettax -il elf u tlett mitt Ewro, (€13,300.00);

1.13.3. Tikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

1.13.4. Bl-ispejjez u bl-interess kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra l-intimat;

2. Rat in-nota ta' l-intimat datata t-2 ta' Dicembru, 2011, li permezz taghha informa lill-qorti li hu kellu risposti xi jressaq fil-konfront tat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 69);

3. Rat id-digriet taghha datat is-7 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu, wara li semghet lill-partijiet, ghar-raguni hemm indikata awtorizzat lill-intimat biex jipprezenta r-risposta tieghu sad-data hemm indikata, (ara foll 70);

4.0. Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat datata s-26 ta' Dicembru, 2011, li permezz taghha rrisponda sintetikament is-segwenti:

4.1. Illi t-talba kif edotta m'ghandiex tigi milqugha;

4.2. Illi l-kuntratt in dizamina hu ghal aktar minn erba` (4) snin, u ghalhekk ghandu jitqies bhala wiehed indefinit;

4.3. Illi ghalhekk l-ammont dovut hu dak ta' *notice* u mhux ta' l-ammont ta' nofs il-paga;

4.4. Illi l-kuntratt ta' l-impjieg in dizamina, (ara foll 9 *et sequitur* espressament jipprovdi ghal obbligu ta' *"notice period"* ta' tmin (8) gimghat, (ara foll 13);

4.5. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti m'ghandiex tistrieh fuq il-provvedimenti statutorji meta hemm deroga mill-istess meta l-partijiet ikkuntrattaw perjodu ta' *notice* specifiku, (ara foll 73);

4.6. Illi l-intimat kellu raguni tajba u sufficjenti biex jitlaq mill-impjieg *stante* li minkejja l-weghdi li kien ser jaghmel xoghol fl-*accounts*, gie assenjat xoghol differenti;

4.7. Illi meta l-intimat gibed l-attenzjoni tas-superjuri tieghu ghal dan, intlaqa` b'arroganza;

5. Semghet ix-xhieda prodotta;

6. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluza d-dikjarazzjoni guramentata pprezentata *in atti*;

7. Rat id-digriet taghha datat is-16 ta' Dicembru, 2014, li permezz tieghu, fuq talba espressa tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-terminu hemm indikat;

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata t-13 ta' Frar, 2015, (ara foll 128), flimkien ma' dik ta' l-intimat datata t-8 t'April, 2015, (ara foll 142);

9. Semghet it-trattazzjoni orali finali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

10. Illi l-azzjoni odjerna hi limitata ghall-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti *stante* li l-intimat, permezz ta' l-ittra datata t-18 t'April, 2011, ghazel li jipprezenta *"notice"* formali biex jirrezenja mill-impjieg tieghu minn ma' l-istess socjeta`, (ara foll 20);

11. Illi l-istess intimat kien gie regolarment impjegat ma' l-istess socjeta` rikorrenti permezz ta' kuntratt datat id-9 t'Awwissu, 2010, u b'effett mit-18 ta' l-istess xahar, (ara foll 9);

12.0. Illi skont l-istess kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti l-intimat gie sintetikament impjegat mas-socjeta` rikorrenti bis-segwenti kundizzjonijiet, fost affarjiet ohra;

12.1. Illi d-doveri imposti fuq l-intimat kienu generali u ma kienux limitati ghal dawk espressament indikati fil-klawsola 2(a) ta' l-istess, (ara foll 10);

12.2. Illi l-intimat kellu jagixxi taht id-direzzjoni tad-diretturi tas-socjeta` rikorrenti jew taht id-direzzjoni ta' persuna bir-responsabbilita` li taghti istruzzjoni lill-intimat, (ara foll 9);

12.3. Illi l-impjieg ta' l-intimat kien wiehed espressament definit u ghal perjodu ta' hames (5) snin, (ara klawsola numru 8 a foll 15);

12.4. Illi z-zmien ta' *"notice"* patwit bejn il-partijiet f'kaz ta' terminazzjoni ta' l-impjieg kien tmin (8) gimghat, u dan, kemm jekk dan isehh fil-perjodu tal-*"probation"*, kemm jekk le, (ara klawsola numru hamsa effe, (5(f)) a foll 13);

Ikkunsidrat:

13. Illi l-intimat ghazel li jittermina l-impjieg tieghu permezz ta' ittra datata t-18 t'April, 2011, (ara foll 20);

14.0. Illi b’risposta ghall-istess is-socjeta` rikorrenti rrispondiet lill-intimat permezz t’ittra datata l-25 t’April, 2011, fejn infurmat lill-istess:

14.1. Illi kienet qed taccetta r-rizenja ta’ l-intimat b’effett immedjat u fit-termini tal-kuntratt definit datat id-9 t’Awwissu, 2011 fuq gia` riferit;

14.2. Illi l-intimat kien ghadu vinkulat b’certu obbligi kontrattwali fosthom, il-kunfidenzjalita`;

14.3. Illi l-intimat kellu jibqa` fl-impjieg sat-18 ta’ Gunju, 2011;

15. Illi in effetti l-intimat jirrizulta li baqa` jattendi fl-impjieg tieghu sad-data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 117);

Ikkunsidrat:

16.0. Illi skont l-awditur tas-socjeta` rikorrenti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

16.1. Illi l-intimat dam impjegat mas-socjeta` rikorrenti ghal perjodu ta’ ghaxar (10) xhur, (ara foll 114);

16.2. Illi s-salarju gross ta’ l-intimat kien jammonta ghal seba` mitt Ewro, (€700.00), fix-xahar;

16.3. Illi tenut kont tal-fatt li l-intimat kien ghad fadallu jahdem tmienja u tletin (38) xahar iehor mas-socjeta` rikorrenti, l-ammont dovut mill-istess lis-socjeta` *de quo* kien komplessivament jammonta ghal tlettax -il elf u tlett mitt Ewro, (€13,300.00), rapprezentanti hamsin fil-mija, (50%), tas-salarju mensili ta’ l-intimat ghat-tmienja u tletin (38) xahar fuq riferiti, (ara foll 114);

Ikkunsidrat:

17.0. Illi l-intimat jopponi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti sintetikament jissottometti s-segwenti:

17.1. Illi l-kuntratt t’impjied in dizamina hu wiehed indefinit;

17.2. Illi l-intimat kellu "*notice period*" ta' tmin (8) gimghat; u

17.3. Illi l-intimat kellu raguni tajba u sufficjenti biex jitlaq mill-impjieg;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi rigward l-ewwel risposta ta' l-intimat jinghad sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi *stante* li l-kuntratt t'impjieg *de quo* jistipula perjodu t'ingagg ta' aktar minn erba` snin, allura dan ghandu jitqies bhala li jirrigwarda kuntratt ghal perjodu ta' zmien *indefinit*;

18.2. Illi konsegwenza ta' l-istess, tapplika wkoll "*notice period*" differenti minn kif rikjamata mis-socjeta` rikorrenti;

18.3. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

18.3.1. Illi skont l-artiklu 7(1) ta' l-Aviz Legali 452.81, biex jiskatta dak awspikat mill-intimat irid jirrizulta li l-impjegat "... kien impjegat kontinwament b'kuntratt bhal dak ghal zmien fiss ... jew taht dak il-kuntratt/i ta' servizz precedenti ghal zmien fiss li jeccedi perjodu ta' impjieg kontinwu ghal aktar minn erba` (4) snin";

18.3.2. Illi jirrizulta pacifiku li l-intimat dam biss impjegat ghal perjodu t'ghaxar (10) xhur qabel ma intavola r-rizenja tieghu;

18.3.3. Illi ghalhekk ghandu wkoll ikun pacifiku li l-intimat qatt ma ssupera dan il-perjodu t'erba` (4) snin hawn indikat;

18.3.4. Illi konsegwentement, dak awspikat mill-intimat ma jistax jiskatta favur tieghu, u

konsegwentement din l-ewwel risposta tieghu qed tigi respinta;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi rigward it-tieni risposta ta' l-intimat jinghad sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi *ai termini* tal-klawsola 5(f) tal-kuntratt t'impjieg in dizamina, jirrizulta stipulat li l-perjodu ghall-prezentata tan-*"notice period"* hu ta' tmin (8) gimghat, (ara foll 13);

19.2. Illi in effetti rizultat ta' l-istess, l-intimat jirrizulta li ottempora ruhhu ma' l-istess, u dan anke bi ftehim mas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 73);

19.3. Illi *nonostante* is-suespost l-artiklu 36(12) tal-Kap 452 fuq riferit jispecifika li f'kazijiet simili bhal dak in dizamina meta impjegat jitlaq mis-servizz tal-principal tieghu qabel iz-zmien specifikat fil-kuntratt ta' servizz l-impjegat li jaghmel hekk:

> "... ghandu jhallas lill-principal tieghu ... nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa` fis-servizz ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem";

19.4. Illi permezz ta' l-ittra ta' rizenja tieghu l-intimat jinqabad fil-limiti tat-termini imposti mill-artiklu indikat fil-paragrafu precedenti, li konsegwentement, peress li jissupera l-klawsoli kontrattwali involuti, ghandu japplika f'dan il-kaz;

19.5. Illi konsegwentement, dak awspikat mill-intimat ma jistax jiskatta favur tieghu, u konsegwentement din it-tieni risposta qeghda wkoll tigi respinta;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi rigward it-tielet risposta ta' l-intimat jinghad sintetikament is-segwenti:

20.1. Illi f’dan ir-rigward l-intimat isostni li ghalkemm kien ingaggat mis-socjeta` rikorrenti biex jahdem fid-dipartiment ta’ l-*accounts* ta’ l-istess socjeta`, inghata responsabbilitajiet fit-taqsima ta’ l-ivvjaggar fejn ma kienx jezercita` din il-professjoni, (ara foll 117);

20.2. Illi f’dan ir-rigward il-klawsola numru 2(a) tal-kuntratt t’impjieg iffirmat mill-kontendenti jistipula s-segwenti:

> “... The Employee shall carry out all such duties and shall observe such lawful directives and restrictions as the Board of Directors of the Employer or their delegates may from time to time confer or impose upon her/his *“recte”* him”;

20.3. Illi jirrizulta assodat u mhux kontradett mill-istess intimat li l-ordnijiet lilu moghtija fir-rigward tad-doveri lilhu hekk assenjati kienu moghtija legittimament u minn ufficcjali legittimi ta’ l-istess socjeta` rikorrenti;

20.4. Illi ghalhekk kien l-obbligu ta’ l-intimat li jottempora ruhhu ma’ l-istess;

20.5. Illi konsegwentement, hawn ukoll, dak awspikat mill-intimat ma` jistax jiskatta favur tieghu, u konsegwentement din it-tielet risposta qeghda wkoll tigi respinta;

Ikkunsidrat:

21. Illi *di piu`*, ghandu jirrizulta pacifiku li t-talba tas-socjeta` rikorrenti hi bbazata fuq l-artiklu 36(12) tal-Kap 452 fuq riferit u l-azzjoni taghha tirrizulta debitament naxxenti mill-att skonsiderat ta’ l-intimat li ghogbu jirrizenja mill-impjieg tieghu permezz ta’ l-itrra datata d-9 t’Awwissu, 2010, fuq riferita;

**DECIDE:**

22.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u filwaqt li allura takkolji t-

talbiet kollha taghha, tirrespingi r-risposti ta' l-intimat u konsegwentement:

22.1. Tiddikjara li l-intimat hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' tlettax -il elf u tlett mitt Ewro, (€13,300.00);

22.2. Tikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

22.3. Bl-ispejjez u bl-interess legali kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra l-intimat;

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**